

Brussell, 28 ta' Mejju 2018
(OR. en)

9396/18

PUBLIC 34
INF 92

NOTA

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL - MARZU 2018

Dan id-dokument jelenka l-atti¹ adottati mill-Kunsill f'Marzu 2018^{2, 3}.

Huwa jagħti informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti leġislattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni,
- is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill,
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza tal-Ġurnal Uffiċjali,
- ir-regoli tal-votazzjoni applikabbli, ir-riżultati tal-votazzjoni u, jekk ikun il-każ, spjegazzjonijiet tal-vot u dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill.

¹ Għal referenza faċli, "it-titoli qosra" kif imsemmija fl-aġendi tal-Kunsill huma indikati wkoll (ara fil-*korsiv*).

² Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet ta' proċedura, appuntamenti, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti minn ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

³ Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati fil-proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta jkun ġie adottat l-att leġislattiv u d-data proprja tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati bil-proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu li ġew adottati biss wara l-firma kemm mill-President tal-Kunsill u mill-President tal-Parlament Ewropew kif ukoll mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet.

Dan id-dokument fih ukoll informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti mhux leġislattivi li l-Kunsill ikun iddeċieda li jagħmilhom pubbliċi.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fuq is-sit web tal-Kunsill:

[Sommarji ta' kull xahar tal-Atti tal-Kunsill \(atti\) - Consilium](#)

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill: [Dokumenti u pubblikazzjonijiet - Consilium](#)

Ta' min jinnota li dan id-dokument huwa esklużivament għal finijiet ta' informazzjoni - il-minuti tal-Kunsill biss huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli fuq is-sit web tal-Kunsill: [Minuti tal-Kunsill - Consilium](#)

INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL F'MARZU 2018

It-3601 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Ambjent) li saret fi Brussell fil-5 ta' Marzu 2018

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
<p><i>Deċiżjoni li tikkonċerna t-tiġdid tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u l-Brażil</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/343 tal-5 ta' Marzu 2018 li tikkonċerna t-tiġdid tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil ĠU L 67, 9.3.2018, p. 1-2</p>	11040/17
<p><i>Deċiżjoni dwar il-mandat ta' negozjar għal Ftehim ta' Lisbona rivedut</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/416 tal-5 ta' Marzu 2018 li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal Ftehim ta' Lisbona rivedut dwar id-Denominazzjonijiet tal-Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi ĠU L 75, 19.3.2018, p. 23-24</p>	6040/18
<p><i>Miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Ċentru-Afrikana - aġġornament tan-NU - Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/332 tal-5 ta' Marzu 2018 li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/798/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Ċentru-Afrikana ĠU L 63, 6.3.2018, p. 46-47</p>	6483/18
<p><i>Miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Ċentru-Afrikana - aġġornament tan-NU - Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni</i> Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/325 tal-5 ta' Marzu 2018 li jimplimenta l-Artikolu 17(3) tar-Regolament (UE) Nru 224/2014 dwar miżuri restrittivi minħabba s-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana ĠU L 63, 6.3.2018, p. 3-4</p>	6485/18

<p><i>Miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea - traspożizzjoni tan-NU -</i> <i>Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/331 tal-5 ta' Marzu 2018 li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea ĠU L 63, 6.3.2018, p. 44-45</p>	6447/18
<p><i>Miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea - traspożizzjoni tan-NU -</i> <i>Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni</i> Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/324 tal-5 ta' Marzu 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/1509 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea ĠU L 63, 6.3.2018, p. 1-2</p>	6448/18
<p><i>Ukrajna: miżapproprijazzjoni ta' fondi - rieżami - Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/333 tal-5 ta' Marzu 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2014/119/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna ĠU L 63, 6.3.2018, p. 48-49</p>	6537/18
<p><i>Ukrajna: miżapproprijazzjoni ta' fondi - rieżami - Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni</i> Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/326 tal-5 ta' Marzu 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 208/2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna ĠU L 63, 6.3.2018, p. 5-6</p>	6539/18

It-3602 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Barranin/Difiża) li saret fi Brussell fis-6 ta' Marzu 2018

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
<i>Deċiżjoni dwar l-UNECE (Marzu 2018)</i> Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitati rilevanti tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tal-proposti għall-emendi tar-Regolamenti tan-NU Nri 6, 13, 13-H, 30, 37, 41, 43, 46, 51, 67, 79, 90, 107, 110, 118, 121, 122, 128, 140 u 142, tar-Riżoluzzjonijiet Konsolidati R.E.3 u R.E.5 u tar-Riżoluzzjoni Reċiproka M.R.1, fir-rigward ta' proposta għal Regolament Tekniku Globali tan-NU ġdid uniku	6173/18
<i>Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO)</i> <i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-ewwel grupp ta' proġetti</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/340 tas-6 ta' Marzu 2018 li tistabbilixxi l-lista ta' proġetti li għandhom jiġu żviluppati taħt il-PESCO ĠU L 65, 8.3.2018, p. 24-27	6393/18
<i>Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO)</i> <i>Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-triq 'il quddiem għall-implimentazzjoni tal-PESCO</i> Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-6 ta' Marzu 2018 dwar pjan direzzjonali għall-implimentazzjoni tal-PESCO ĠU L 88, 8.3.2018, p. 1-4	6588/1/18 REV 1

It-3603 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Ġustizzja u Affarijiet Interni) li saret fi Brussell fit-8 u d-9 ta' Marzu 2018

ATTI LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT	REGOLA TAL-VOT	VOTI
<i>Modifika Rapida tad-Direttiva dwar id-Distribuzzjoni tal-Assigurazzjoni (DDA)</i> Direttiva (UE) 2018/411 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 li temenda d-Direttiva (UE) 2016/97 rigward id-data tal-applikazzjoni tal-miżuri ta' traspożizzjoni tal-Istati Membri (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 76, 19.3.2018, p. 28-29	1/18	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur, minbarra: Astensjoni: DE

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tfakkar li skont il-Ftehim Interistituzzjonali dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni qablu li biex il-leġislazzjoni tal-Unjoni tiġi applikata malajr u b'mod korrett fl-Istati Membri, il-limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni tad-direttivi jkun kemm jista' jkun qasir u, ġeneralment, ma jkunx aktar minn sentejn.

Minħabba l-qafas ta' żmien partikolari għall-applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/97 u tar-Regolamenti Delegati adottati skont din id-Direttiva, li ħoloq diffikultajiet għall-kumpaniji tal-assigurazzjoni u d-distributori tal-assigurazzjoni zġħar u ta' daqs medju biex jimplimentaw il-bidliet meħtieġa fil-ħin sad-data tal-applikazzjoni tat-23 ta' Frar 2017, il-Kummissjoni ppreżentat proposta fuq bażi eċċezzjonali biex tiġi emendata d-Direttiva (UE) 2016/97 billi tiġi stabbilita d-data tal-applikazzjoni fl-1 ta' Ottubru 2018.

Il-koleġislaturi qablu wkoll li d-data ta' traspożizzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/97 tiġi posposta għall-1 ta' Lulju 2018. Il-Kummissjoni tqis li dan ma jistax jiġi interpretat li joħloq preċedent, għax irid jiġi żgurat li l-Istati Membri kollha jiġu ttrattati l-istess, iżda tinnota li bħala eċċezzjoni mhix ser toġġezzjona għal dan il-qbil. Il-Kummissjoni tistenna li l-Istati Membri jirrispettaw bis-sħiħ l-obbligu tagħhom li jdaħħlu fis-seħħ il-miżuri nazzjonali tagħhom ta' traspożizzjoni mhux aktar tard minn din id-data, sabiex il-kumpaniji tal-assigurazzjoni u d-distributori tal-assigurazzjoni jingħataw biżżejjed żmien biex jiffinalizzaw il-miżuri tagħhom ta' tħejjija u adattament b'għarfien sħiħ tal-qafas leġislattiv Ewropew u dak nazzjonali.

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
<i>Konklużjonijiet dwar l-Aħjar Prattiki rigward il-Pubblikazzjoni Online ta' Deċiżjonijiet tal-Qorti</i> Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar l-Aħjar Prattiki rigward il-Pubblikazzjoni Online tad-Deċiżjonijiet tal-Qorti	5306/18
<i>UNIDROIT - Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza negozjati dwar il-konklużjoni tal-"Protokoll MAK"</i> Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għall-konklużjoni ta' Protokoll għall-Konvenzjoni dwar l-Interessi Internazzjonali fl-Apparat Mobbli dwar Kwistjonijiet speċifiċi għall-Apparat Agrikolu, tal-Kostruzzjoni u tal-Minjieri (il-Protokoll MAK)	5109/18
<p>Dikjarazzjoni mir-Renju Unit</p> <p>Ir-Renju Unit jappoġġa d-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għall-konklużjoni ta' Protokoll għall-Konvenzjoni dwar l-Interessi Internazzjonali fl-Apparat Mobbli dwar Kwistjonijiet speċifiċi għall-Apparat Agrikolu, tal-Kostruzzjoni u tal-Minjieri (il-Protokoll MAK)</p> <p>Madankollu, ir-Renju Unit hu tal-fehma li d-Deċiżjoni tal-Kunsill, bħala miżura proposta skont it-Titolu V tat-Tielet Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, hi soġġetta għall-Protokoll (Nru 21) għat-Trattati dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja. Għalhekk, ir-Renju Unit ma jqisx li hu marbut awtomatikament, kif issuġġerit mill-Premessa (7), li jipparteċipa fid-Deċiżjoni tal-Kunsill sempliċiment minħabba l-parteeċipazzjoni tiegħu fir-Regolament 1215/2012, ir-Regolament 2015/848 u r-Regolament 593/2008.</p> <p>Għaldaqstant, ir-Renju Unit innotifika lill-President tal-Kunsill li jixtieq jipparteċipa fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, f'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 għat-Trattati.</p>	

<p><i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iskedar internazzjonali ta' sustanzi fil-61 sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi</i></p> <p>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-wieħed u sittin sessjoni tal-Kummissjoni dwar id-Drogi Narkotiċi dwar l-iskedar ta' sustanzi taħt il-Konvenzjoni Unika dwar Drogi Narkotiċi tal-1961, kif emendata mill-Protokoll tal-1972, u l-Konvenzjoni dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971</p>	6084/18
<p>Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni</p> <p>Il-Kummissjoni mhix se topponi l-adozzjoni b'maġġoranza kwalifikata tat-test rivedut dwar il-pożizzjoni komuni tal-UE għall-iskedar ta' sustanzi psikoattivi ġodda waqt il-61 laqgħa tas-CND, iżda tixtieq itteni l-pożizzjoni tagħha li d-deċiżjonijiet ikkonċernati minn din il-proposta huma kwistjoni ta' kompetenza esklussiva tal-Unjoni għaliex id-dritt tal-Unjoni, f'dan il-każ fil-qasam tal-kontroll tad-drogi, se jiġi affettwat direttament u awtomatikament mid-deċiżjonijiet ta' skedar tal-Kummissjoni tan-NU dwar id-Drogi Narkotiċi (CND). Il-Kummissjoni tenfasizza li din il-pożizzjoni tirreferi għal deċiżjonijiet ta' skedar internazzjonali fil-qafas tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drogi Narkotiċi tal-1961 u l-Konvenzjoni tan-NU dwar is-Sustanzi Psikotropiċi tal-1971, u mhux għall-politika dwar id-drogi b'mod ġenerali."</p>	
<p><i>Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni ta' Prüm: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar it-tnedija ta' data awtomatizzata fir-rigward tad-data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi fil-Portugall</i></p> <p>Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar it-tnedija ta' skambju awtomatizzat ta' data fir-rigward ta' data dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi fil-Portugall</p>	13308/17
<p><i>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Prüm: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data rigward l-iskambju ta' data dwar id-DNA fil-Kroazja</i></p> <p>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI ("Deċiżjoni ta' Prüm") dwar il-Kroazja rigward l-iskambju awtomatizzat ta' data dwar id-DNA</p>	5733/18

<i>Rakkomandazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' Schengen - protezzjoni tad-data tad-Danimarka</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 tad-Danimarka dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-protezzjoni tad-data	6923/18
<i>Rakkomandazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' Schengen - kooperazzjoni tal-pulizija tad-Danimarka</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 tad-Danimarka dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija	6924/18
<i>Rakkomandazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' Schengen - protezzjoni tad-data tal-Greċja</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2016 tal-Greċja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-protezzjoni tad-data	6925/18
<i>Rakkomandazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' Schengen - protezzjoni tad-data ta' Franza</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2016 ta' Franza dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-protezzjoni tad-data	6926/18
<i>Rakkomandazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' Schengen - kooperazzjoni tal-pulizija tal-Iżlanda</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 tal-Iżlanda dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija	6927/18
<i>Rakkomandazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' Schengen - ritorn mill-Iżlanda</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 tal-Iżlanda dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tar-ritorn	6928/18
<i>Rakkomandazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' Schengen - ritorn mill-Iżvezja</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 tal-Iżvezja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tar-ritorn	6929/18

<i>Rakkomandazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' Schengen - politika dwar il-viżi tal-Iżvezja</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 tal-Iżvezja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-politika komuni dwar il-viżi	6930/18
<i>Konklużjonijiet dwar alternattivi għal sanzjonijiet koerċittivi</i> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-użu ta' alternattivi għal sanzjonijiet koerċittivi għal trasgressuri li jieħdu d-drogi	6931/18
It-3604 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Kompetittività (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju)) li saret Brussell fit-12 ta' Marzu 2018	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
<i>Konklużjonijiet dwar l-infurzar tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettuali</i> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-infurzar tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettuali	6681/18
<i>Konklużjonijiet dwar strumenti ta' garanzija fuq is-self ifffinanzjati mill-UE (QtA RS Nru 20/2017)</i> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 20/2017 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Strumenti ta' garanzija fuq is-self ifffinanzjati mill-UE: inkisbu riżultati pożittivi, iżda jeħtieġ orjentament akbar lejn il-benefiċjarji u koordinazzjoni aħjar mal-iskemi nazzjonali"	7043/18
<i>Mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF/2017 008 DE/Goodyear)</i> Deċiżjoni (UE) 2018/513 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2018 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni wara l-applikazzjoni mill-Ġermanja - EGF/2017/008 DE/Goodyear ĠU L 84, 28.3.2018, p. 16-17	6251/18
<i>Konklużjonijiet dwar ir-Rapport Speċjali mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar "Il-kundizzjonalitajiet ex ante u r-riżerva ta' prestazzjoni fil-qasam ta' Koeżjoni"</i> Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 15/2017 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar "Il-kundizzjonalitajiet ex ante u r-riżerva ta' prestazzjoni fil-qasam ta' Koeżjoni: strumenti innovattivi iżda għadhom mhumiex effettivi	7052/18

<p><i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-ftuħ ta' negozjati maċ-Ċina dwar il-proċedimenti għal soluzzjoni ta' tilwim DS 492 tad-WTO</i></p> <p>Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar soluzzjoni bi qbil reċiproku b'rabta mal-proċedimenti għal soluzzjoni ta' tilwim DS492 tad-WTO - Miżuri b'effett fuq il-Konċessjonijiet Tariffarji għal Ċerti Prodotti tal-Laħam tal-Pollam</p>	6103/18
<p><i>Miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Ċentru-Afrikana: traspożizzjoni tal-UNSCR 2399 (2018) - Deċiżjoni u Regolament</i></p> <p>Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/391 tat-12 ta' Marzu 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2013/798/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Ċentru-Afrikana</p> <p>ĠU L 69, 13.3.2018, p. 46-47</p>	5889/18
<p><i>Miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Ċentru-Afrikana: traspożizzjoni tal-UNSCR 2399 (2018) - Deċiżjoni u Regolament</i></p> <p>Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/387 tat-12 ta' Marzu 2018 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 224/2014 dwar miżuri restrittivi minħabba s-sitwazzjoni fir-Repubblika Ċentru-Afrikana</p> <p>ĠU L 69, 13.3.2018, p. 9-10</p>	5891/18
<p><i>Miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna - rieżami - Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni</i></p> <p>Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/392 tat-12 ta' Marzu 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna</p> <p>ĠU L 69, 13.3.2018, p. 48-59</p>	5995/18
<p><i>Miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna - rieżami - Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni</i></p> <p>Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/388 tat-12 ta' Marzu 2018 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna</p> <p>ĠU L 69, 13.3.2018, p. 11-22</p>	6042/18
<p><i>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-istrateġija tal-politika industrijali tal-UE għall-kompetittività, it- tkabbir u l-innovazzjoni</i></p> <p>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-istrateġija tal-politika industrijali tal-UE għall-kompetittività, it- tkabbir u l-innovazzjoni</p>	7037/18

It-3605 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) li saret fi Brussell fit-13 ta' Marzu 2018

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
<i>Deroga għal-Latvja dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/457 tat-13 ta' Marzu 2018 li tawtorizza lir-Repubblika tal-Latvja tapplika miżura speċjali ta' deroga għall-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ĠU L 77, 20.3.2018, p. 14-15	6267/18
<i>Tneħħija ta' ċerti ġurisdizzjonijiet mil-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa</i> Il-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa — Rapport mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) li jissuġġerixxi t-tneħħija ta' ċerti ġurisdizzjonijiet minn fuq il-lista ĠU C 100, 16.3.2018, p. 4-4	6777/18
<i>Il-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa- bidliet minħabba impenji li waslu mingħand il-ġurisdizzjonijiet milquta mill-uragani</i> Il-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa - bidliet minħabba impenji li waslu mingħand il-ġurisdizzjonijiet milquta mill-uragani - Adozzjoni ĠU L 100, 16.3.2018, p. 5-5	6945/18
<i>Rakkomandazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' Schengen - SIS ta' Franza</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2016 ta' Franza dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen	7137/18

<p><i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn l-UE u l-Konfederazzjoni Żvizzera għal appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża (ISF 2014-2020)</i></p> <p>Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/404 tat-13 ta' Marzu 2018 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar regoli supplementari fir-rigward tal-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna għall-perjodu 2014 sa 2020</p> <p>ĠU L 74, 16.3.2018, p. 1-2</p>	6221/18
<p><i>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku (MIP)</i></p> <p>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 3/2018 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Awditu tal-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku (MIP)"</p>	6680/18
<p>It-3606 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur) li saret Brussell fil-15 ta' Marzu 2018</p>	
<p>ATTI MHUX LEĠISLATTIVI</p>	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
<p><i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar pożizzjoni tal-UE fil-Kumitat tal-FSE Kosta tal-Avorju-UE - adozzjoni tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat tal-FSE</i></p> <p>Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-FSE stabbilit mill-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika Interim bejn il-Kosta tal-Avorju, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, rigward l-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tiegħu</p>	6479/18
<p><i>Semestru Ewropew 2018</i></p> <p>a) <i>Prijoritajiet għal azzjoni fl-oqsma tal-impjiegi u l-politiki soċjali: Gwida politika fl-2018</i></p> <p>i) <i>Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi</i></p> <p>ii) <i>Konklużjonijiet dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2018 u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi</i></p> <p>Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2018 u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi</p>	7165/18

<p><i>Rakkomandazzjoni dwar Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi (Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: Artikoli 153, 166 u 292 TFUE)</i> Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2018 dwar Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi ĠU L 153, 2.5.2018, p. 1-6</p>	6779/18
<p>Dikjarazzjoni mil-Latvja</p> <p>Il-Latvja tappoġġa l-miżuri proposti għat-titjib tal-kwalità u l-effettività tal-apprendistati fl-UE kollha.</p> <p>Bil-ħsieb tal-implimentazzjoni u biex tiġi evitata l-interpretazzjoni żbaljata, hu importanti li t-terminoloġija użata fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tiġi ċċarata. It-terminu "apprendistat" ma jikkorrispondix mat-terminoloġija inkorporata fil-leġislazzjoni nazzjonali tal-Latvja. It-terminu korrispondenti l-aktar qrib il-kontenut ta' din il-proposta fil-lingwa Latvjana huwa "darba vidē balstītas mācības", li jfisser "tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol".</p> <p>Kwistjonijiet ta' terminoloġija fil-konfront tal-Latvja tqajmu fil-kumitat EMCO matul l-eżerċizzju ta' sorveljanza multilaterali waqt ir-rieżami tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż. Intlaħaq qbil ġenerali li, rigward is-sitwazzjoni u r-riformi li għaddejjin fil-Latvja, għandu jintuża t-terminu "tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol".</p>	
<p>Proċedura bil-miktub li tlestiet fis-16 ta' Marzu 2018</p>	
<p>ATTI MHUX LEĠISLATTIVI</p>	
<p>ATT</p>	<p>DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET</p>
<p><i>Deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill li timplimenta d-Deċiżjoni 2010/231/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Somalja</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/417 tas-16 ta' Marzu 2018 li timplimenta d-Deċiżjoni 2010/231/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Somalja ĠU L 75, 19.3.2018, p. 25-26</p>	7012/18
<p><i>Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li jimplementa l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 356/2010 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi, fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Somalja</i> Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/413 tas-16 ta' Marzu 2018 li jimplementa l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 356/2010 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi, fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Somalja ĠU L 75, 19.3.2018, p. 1-2</p>	7015/18

It-3607 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Agrikoltura u Sajd) li saret fi Brussell fid-19 ta' Marzu 2018

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Ftehim dwar kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika mar-Renju tal-Marokk dwar is-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA)</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/639 tad-19 ta' Marzu 2018 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jistabbilixxi t-termini u l-kondizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Renju tal-Marokk fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) ĠU L 106, 26.4.2018, p. 1-2	6532/18
Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Renju tal-Marokk fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA) ĠU L 106, 26.4.2018, p. 3-6	6533/18
<i>Deroga fuq il-VAT għall-provvisti ta' persunal fl-Ungerija</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/486 tad-19 ta' Marzu 2018 li tawtorizza lill-Ungerija biex tapplika miżura speċjali li tidderoga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ĠU L 81, 23.3.2018, p. 15-16	6571/18

<i>Deroga fuq il-VAT għall-użu ta' vetturi kummerċjali għal skopijiet privati fid-Danimarka</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/485 tad-19 ta' Marzu 2018 li tawtorizza lid-Danimarka tapplika miżura speċjali ta' deroga għall-Artikolu 75 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ĠU L 81, 23.3.2018, p. 13-14	6555/18
<i>Komunikazzjoni dwar "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja"</i> <i>Skambju ta' fehmiet</i> <i>Adozzjoni ta' konklużjonijiet</i> Konklużjonijiet tal-Presidenza dwar il-Komunikazzjoni dwar "Il-Ġejjieni tal-Ikel u tal-Biedja"	7324/18
It-3608 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Barranin) li saret fi Brussell fid-19 ta' Marzu 2018	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
<i>Miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Bożnija-Herzegovina - tħassir tal-Pożizzjoni Komuni 97/193/PESK - Deċiżjoni</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/458 tad-19 ta' Marzu 2018 li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 97/193/PESK dwar miżuri restrittivi mmirati lejn persuni li wettqu atti vjolenti fl-inċidenti ta' Mostar nhar l-10 ta' Frar 1997 ĠU L 77, 20.3.2018, p. 16-16	6522/18
<i>Miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Bożnija-Herzegovina - estensjoni - Deċiżjoni</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/459 tad-19 ta' Marzu 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2011/173/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Bożnija-Herzegovina ĠU L 77, 20.3.2018, p. 17-17	6523/18

<p><i>Il-bijodiversità marina ta' żoni lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali (UNCLOS): Deċiżjoni biex jiġu awtorizzati n-negozjati</i></p> <p>Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati, fisem l-Unjoni Ewropea, dwar strument internazzjonali legalment vinkolanti fil-qafas tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar dwar il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità tal-baħar fiż-żoni 'l barra mill-ġurisdizzjoni nazzjonali</p>	<p>6698/18</p>
<p>Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni</p> <p>Il-Kummissjoni tilqa' l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni biex f'isem l-Unjoni Ewropea tinnegozja strument internazzjonali legalment vinkolanti fil-qafas tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar fuq il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità tal-baħar taż-żoni 'l barra mill-ġurisdizzjoni nazzjonali.</p> <p>Madankollu, il-Kummissjoni tibqa' tal-fehma li – fin-nuqqas ta' abbozz ta' test f'dan l-istadju – l-Artikolu 218(3) u (4) jipprovdi bażi legali suffiċjenti għad-Deċiżjoni, peress li mhix meħtieġa u lanqas huwa possibbli li tiġi ddeterminata bażi legali sostantiva abbażi ta' fatturi oġġettivi, b'kont meħud tal-għan u l-kontenut tal-ftehim. Barra minn hekk, peress li n-negozjati fil-konferenza intergovernattiva jikkonċernaw prinċipalment "il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli" tad-diversità bioloġika tal-baħar fiż-żoni 'l barra mill-ġurisdizzjoni nazzjonali, dawn aktarx ikopru kwistjonijiet li jmorru lil hinn minn kull qasam uniku ta' politika, mingħajr ma jkun possibbli li jiġi ddeterminat f'dan l-istadju liema qasam ta' politika jkun predominanti fis-sens tal-ġurisprudenza tal-Qorti. F'kull każ, il-Kummissjoni ma tistax taqbel mal-limitazzjoni tal-bażi legali għal qasam uniku ta' politika (ambjent) filwaqt li jitħallew barra oqsma oħra possibbli ta' politika. It-test finali tal-istrument internazzjonali legalment vinkolanti għandu jiddetermina, f'kull każ, il-bażi legali għall-approvazzjoni tiegħu mill-Unjoni Ewropea.</p> <p>Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma tqisx li huwa xieraq li d-Deċiżjoni tal-Kunsill tispeċifika li l-Unjoni tista' tipparteċipa fin-negozjati biss fir-rigward ta' kwistjonijiet "li għalihom l-Unjoni adottat regoli" u tenfasizza li d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għandhom jiġu interpretati b'konsistenza sħiħa mad-dispożizzjonijiet tat-Trattati u tal-ġurisprudenza rilevanti u fl-ebda każ ma jistgħu jirrestrinġu bla bżonn il-kompetenzi esterni tal-UE.</p> <p>Il-Kummissjoni tfakkar ukoll li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti, kif jidher fil-Kawżi C-459/03 (punt 94) u C-600/14 (punti 62 u 63), l-eżistenza tal-kompetenza esterna tal-Unjoni fir-rigward ta' kompetenza kondiviża, fil-prinċipju mhix kontinġenti fuq l-adozzjoni ta' miżuri ta' liġi sekondarja li tkopri l-qasam inkwistjoni.</p> <p>Il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt tagħha li, jekk ikun hemm bżonn, tuża l-mezzi legali kollha disponibbli għaliha biex tiżgura li jiġu rispettati d-dispożizzjonijiet tat-Trattati.</p>	

<i>Miżuri restrittivi kontra s-Sirja - listi ġodda - Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PEK) 2018/421 tas-19 ta' Marzu 2018 li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PEK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja ĠU L 751, 19.3.2018, p. 3-4	6944/18
<i>Miżuri restrittivi kontra s-Sirja - listi ġodda - Deċiżjoni u Regolament ta' Implimentazzjoni</i> Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/420 tas-19 ta' Marzu 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja ĠU L 751, 19.3.2018, p. 1-2	6947/17
It-3609 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (Affarijiet Ġenerali) li saret fi Brussell fl-20 ta' Marzu 2018	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
<i>Ftehim bilaterali UE/Stati Uniti dwar l-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/539 tal-20 ta' Marzu 2018 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Bilaterali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka dwar miżuri prudenzjali fir-rigward tal-assigurazzjoni u r-riassigurazzjoni ĠU L 90, 6.4.2018, p. 36-37	6860/18
<i>Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-awdituri esterni tal-Oesterreichische Nationalbank</i> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/487 tal-20 ta' Marzu 2018 li temenda d-Deċiżjoni 1999/70/KE dwar l-awdituri esterni tal-banek ċentrali nazzjonali, fir-rigward tal-awdituri esterni tal-Oesterreichische Nationalbank ĠU L 81, 23.3.2018, p. 17-18	5865/18
<i>Rakkomandazzjoni dwar l-evalwazzjoni ta' Schengen - SIS mill-Iżvezja</i> Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni dwar l-indirizzar tan-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2017 tal-Iżvezja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen	7342/18

<p><i>Qorti Multilaterali tal-Investment - Deċiżjoni tal-Kunsill</i> Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea tinneogzja, f'isem l-Unjoni Ewropea, konvenzjoni li tistabbilixxi qorti multilaterali għas-soluzzjoni ta' tilwim dwar l-investment sakemm dan jaqa' fil-kompetenzi tal-Unjoni</p>	12981/17
<p>Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni Il-Kummissjoni tistenna li l-forum tan-negozjati għall-qorti multilaterali dwar l-investment ser tkun il-UNCITRAL. Jekk dak ma jkunx possibbli, il-Kummissjoni ser tikkonsulta mal-grupp ta' ħidma rilevanti tal-Kunsill dwar il-passi li jmiss u tippreżenta rakkomandazzjonijiet meħtieġa biex jiġu aġġustati d-direttivi ta' negozjati.</p>	
<p>Proċedura bil-miktub li tlestiet fil-21 ta' Marzu 2018</p>	
<p>ATTI MHUX LEĠISLATTIVI</p>	
<p>ATT</p>	<p>DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET</p>
<p>Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/466 tal-21 ta' Marzu 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2011/172/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu ĠU L 78I, 21.3.2018, p. 3-4</p>	6949/18
<p>Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/465 tal-21 ta' Marzu 2018 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 270/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Eġittu ĠU L 781, 21.3.2018, p. 1-2</p>	6951/18
<p>Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/475 tas-21 ta' Marzu 2018 li taġġorna l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2017/1426 ĠU L 79, 22.3.2018, p. 26-29</p>	6819/18

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/468 tal-21 ta' Marzu 2018 li jimplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1420 ĠU L 79, 22.3.2018, p. 7-10	6821/18
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/476 tas-21 ta' Marzu 2018 li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja ĠU L 79, 22.3.2018, p. 30-30	6826/18
Proċeduri bil-miktub li tlestew fit-23 ta' Marzu 2018	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/511 tat-23 ta' Marzu 2018 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/120 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd ĠU L 84, 28.3.2018, p. 1-12	7078/18
Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill tal-Ministri AKP-UE fir-rigward tar-reviżjoni tal-Anness Iċ għall-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE	6990/18
Proċedura bil-miktub li tlestiet fis-27 ta' Marzu 2018	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/516 tas-27 ta' Marzu 2018 li timplimenta d-Deċiżjoni 2014/450/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sudan ĠU L 84, 28.3.2018, p. 22-24	7337/18
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/512 tal-27 ta' Marzu 2018 li jimplimenta l-Artikolu 15(3) tar-Regolament (UE) Nru 747/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sudan ĠU L 84, 28.3.2018, p. 13-15	7341/18